Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' HIDMA

## APRIL 2007 – MARZU 2008

# 1. Introduzzjoni

Din hija t-tielet u l-ahhar sena ta' dan il-Hames Kunsill li gie elett f'Marzu 2005 u jigi fi tmiemu fil-31 ta' Marzu 2008. Ghaldaqstant, dan ir-rapport jghati harsa dwar il-hidma u t-twettiq ta' xoghol li sar minn dan il-Kunsill matul din is-sena u li jgib fit-tmiemu din il-legislatura.

# 2. Il-Kunsill

Il-Kunsill huwa ffurmat minn:

| | |
|---|---|
| Sindku | Joseph Casha |
| Vici Sindku | Walter Ahar |
| Kunsilliera | Charmaine Gerada, Reno Chircop, Louis Henwood |

## 2.1 Laqghat tal-Kunsill

Matul din is-sena, April 2007 – Frar 2008 saru 14 il-laqgha tal-Kunsill (no. 35 – no. 46) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqghat | Prezenti | Assenti | Skuzat/a |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Joseph Casha (Sindku) | 14 | 14 | - | - |
| Walter Ahar (Vici Sindku) | 14 | 14 | - | - |
| Charmaine Gerada (Kunsillier) | 14 | 10 | - | 4 |
| Reno Chircop (Kunsillier) | 14 | 11 | - | 3 |
| Louis Henwood (Kunsillier) | 14 | 12 | - | 2 |
| Alphonse Zammit (Segretarju Ezekuttiv) | 14 | 14 | - | - |
| Arthur Perici (Segretarju Ezekuttiv) | 1 | 1 | - | - |

# 3. Formazzjoni tal-Kumitati/Sotto Kumitati

- Kumitat Finanzi – Joseph Casha (Sindku), Walter Ahar (Vici Sindku), Alphonse Zammit (Segretarju Ezekuttiv), Romina Perici Ferrante (Accountant tal-Kunsill).
  Il-laqghat ta' dan iil-kumitat gew inkorporati waqt il-laqghat tal-Kunsill.

- Sotto Kumitat Edukazzjoni, Hidma u Inizjattivi Socjali, Anzjani u Familji, Zghazagh u Sports – Joseph Casha (Sindku), Reno Chircop (Kunsillier).
  Dan il-kumitat iltaqa tlett darbiet ma rapprezentanza ta' l-FES biex imexxu il-progett Summer Club.

- Sotto Kumitat Ambjent, Gonna Pubblici, Latrini Pubblici, Manutenzjoni (Haddiema Assenjati) – Walter Ahar (Vici Sindku)
  Fuq talba tal-Vici Sindku dan is-Sotto Kumitat gie inkorporat mas-Sotto Kumitat tat-Turizmu u Wirt Storiku.

- Sotto Kumitat Kommunikazzjoni Dipartimenti Governatiivi, Awtorita' tal-Ippjanar u Djar – Charmaine Gerada (Kunsillier). Dan il-kumitat qatt ma jfunzjona peress li l-Kunsilliera Charmaine Gerada baqghet issostni lid an l-inkarigu jkun konflit ta' interess minhabba x-xoghol taghha.

- Sotto Kumitat Progetti Lokali, Water Services Corporation, Devoluzzjoni Dawl – Reno Chircop (Kunsillier)

- Sotto Kumitat Turizmu, Wirt Storiku, Gwardjani Lokali u Traffiku – Louis Henwood (Kunsillier)

- Kumitat Relazzjonijiet Internazzjonali, EU Youth Programmes u Gemellaggi – Joseph Casha (Sindku), Louis Henwood (Kunsillier), Alphonse Zammit (Segretarju Ezekuttiv)

- Sotto Kunitat Konsultattiv li kien twaqqaf fil – 5 ta' Frar 2007 bl-approvazzjoni tal-Kunsill biex minn zmien ghal zmien jghati pariri u idejat lis-Sindku fil-hidma tal-Kunsill li tkun trid titwettaq. Dan is-Sotto Kumitat kompla jahdem u jghati sehem kemm fl-attivitajiet Kulturali, Edukattivi fil-Lokal u progetti tal-EU matul din is-sena. Il-membri li jiffurmaw dan is-Sotto Kumitat huma Joe Abela, Lawrence Azzopardi, Charles Coleiro, Vince Grech,

Lawrence Mizzi, Stephen Perici, Joe Robinich u Joe Scerri. Chairperson huwa s-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Zammit. Grazzi ghall-impenn u il-kontribut li dawn il-membri qed jaghtu, dan is-sotto kumitat qed ikun effettiv hafna.

## 4. Servizzi li qed jaghti l-Kunsill

Il-Kunsill bhas-snin li ghaddew baqa' jaghti u jsahhah dawk is-servizzi li kien qed jaghti qabel

4(1) Gbir ta' Skart goff

4(2) Tindif ta' Toroq

4(3) Gbir ta' skart domestiku

4(4) Bring In Sites – Waste Seperation

4(5) Zamma ta' Gonna

4(6) Street lighting devolution – zamma ta' dawl fit-toroq

4(7) Pagament fil-Kunsill mic-cittadini, bhal ma huwa l-hlas ta' kera tal-Gvern, kontijiet tal-Go, u citazzjonijiet

4(8) Kollaborazzjoni ma' Kunsilli ohra

Dan il-Kunsill dejjem accetta li jilqa' fil-lokal residenti minn lokalitajiet ohra jew talbiet tal-Kunsilli Lokali rispettivi taghhom.

4(9) Sala Kunsill/Gnien il-Gardjola Bye-Law

Bhal ma sar fis-snin ta' qabel il-Kunsill baqa' joffri s-Sala tal-Kunsill ghall-uzu tac-cittadini Sengleani biex jigu organizzati Birthday Parties, Ricevimenti tal-Ewwel Tqarbina u Grizma tal-Isqof u attivitajiet ohra simili.

L-Istess ghamel il-Kunsill bi Gnien il-Gardjola, li filwaqt li l-Kunsill ghamel Embellishment u sebbah dan il-post, bil-ghan li barra li jitgawda mir-Residenti u mit-turisti li jzuruh, ikompli jigi offrut ghall-attivitajiet privati bhal tigijiet u private receptions.

Infatti, wara li l-Kunsill hejja bye-law, l-Kunsill ressaq din il-bye law ghall-approvazzjoni tal-Gvern Centrali. Din il-Bye Law giet approvata mill-Kunsill fil-laqgha no. 46 u l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tal-Gvern Centrali. Matul din is-sena saru tlett tigijiet minn koppji barranin u diversi attivitajiet kulturali imtella mill-Kunsill u minn entitajiet ohra.

4(10) Servizz ta' Librerija u Internet Café

a. Il-Kunsill qed jaghti servizz kontinwu b'self ta' kotba mill-Librerija Pubblika li qed imexxi mill-ufficcju antic f'Misrah l-4 ta' Settembru.

   Mill-istess post il-Kunsill qed joffri servizz ta' Internet b'xejn ghac-cittadini ta' l-Isla fil-hinijiet tal-ftuh tal-Librerija Pubblika.

b. Il-hinijiet tal-ftuh huma dawn:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | Bejn 4.30pm – 6.30pm |
| L-Erbgha | Bejn 4.30pm – 6.30pm |
| Il-Gimgha | Bejn 4.30pm – 6.30pm |
| Is-Sibt | Bejn 9.00am – 12.00am |

## 5. Edukazzjoni

Investejna fil-kotba ghat-tfal b'mod specjali tal-kindergarten. Inizjattivi lit-tfal biex jitghallmu l-kraft. Saru korsijiet tal-kompjuters ghat-tfal u adulti b'sussidju mill-Kunsill. Rikonoximent lill-istudenti li ghaddew ghall-Junior Lyceum, li din is-sena kienu hmistax.

## 6. Impenn Socjali u Kulturali fl-Isla

Bhas-snin li ghaddew dan il-Kunsill kompla jishaq fuq l-Ispiza tal-aspett socjali u kulturali tal-lokal billi wettaq diversi attivitajiet u progetti biex ikompli jgholli l-livell tal-lokal tal-Isla.

6(1) <u>Attivitajiet Rikrejattivi, Socjali u Edukattivi mtella mill-Kunsill bejn April 2007 u Marzu 2008</u>

**<u>Attivitajiet Edukattivi</u>**

| | |
|---|---|
| Korsijiet tal-Kompjuters | April'07 sa Lulju'07 |
| Summer Club | Gunju 2007 |
| Playmobil – relatata mas-Summer Club | Awissu 2007 |
| Cerviola Hotel – relatata mas-Summer Club | Awissu 2007 |

**<u>Attivitajiet Generali u Kulturali</u>**

| | |
|---|---|
| Harga Kulturali San Anton Gardens– Jum l-Isla | 4 ta' Mejju 2007 |
| Gurnata Ghawdex | 27 ta' Gunju 2007 |
| Gurnata Ghawdex | 8 ta' Awissu 2007 |
| Attivita' ix-Xatt | 17 ta' Awissu 2007 |
| Jazz Night fil-Gardjola | 25 ta' Awussu 2007 |
| Ikla Topaz Hotel | 21 ta' Dicembru 2007 |
| Attivita' Anzjani Milied | 26 ta' Dicembru 2007 |
| Zjara mill-Iskola Antonio Bosio Gzira | 27 ta' Frar 2008 |
| Ikla Topaz Hotel | 28 ta' Frar 2008 |

**<u>Coffee Mornings & High Teas</u>**

| | |
|---|---|
| Coffee Morning | 8 ta' Mejju 2007 |
| Coffee Morning | 31 ta' Mejju 2007 |
| High Tea | 10 ta' Gunju 2007 |
| High Tea | 1 ta' Lulju 2007 |
| Coffee Morning | 1 ta' Ottubru 2007 |
| Coffee Morning | 23 ta' Ottubru 2007 |
| Coffee Morning | 30 ta' Novembru 2007 |
| High Tea | 13 ta' Dicembru 2007 |
| High Tea | 13 ta' Jannar 2008 |

**<u>Weekend Breaks</u>**

| | |
|---|---|
| Mejju | 11 – 14 ta' Mejju 2007 |
| Lulju | 5 – 8 ta' Lulju 2007 |
| Ottubru | 12 – 14 ta' Ottubru 2007 |
| Novembru | 23 – 25 ta' Novembru 2007 |
| Frar | 14 – 17 ta' Frar 2008 |

## 7. Jum l-Isla 2007

Din is-sena il-Kunsill kien tal-fehma li Jum l-Isla ghandu jigi mfahhar b'mod differenti. Infatti, il-Kunsill involva s-Sotto Kumitat Konsultattiv biex johrog b'idejat bil-ghan li l-attivitajiet imtella fil-jiem ta' Jum l-Isla, r-Residenti Sengleani jkunu nvoluti izjed.

Bhala novita' l-Kunsill rama tinda f'Misrah l-4 ta' Settembru fejn fiha kellhom jittellu l-attivitajiet ewlenin matul il-jiem ta' kommemorazzjoni ta' Jum l-Isla.

7(1) <u>Il-Programm shih ta' Jum l-Isla kien hekk</u>

- L-Ewwel Jum – Il-Gimgha 4 ta' Mejju 2007 – Harga Kulturali ghall-familji u Serata ta' Tifkiriet

Fit-8.00pm ittellghet Serata ta' Tifkiriet, fejn veterani Sengleani rrakuntaw il-passat glorjuz ta' beltna. Matul i-serata intwerew filmati u ritratti tal-Isla fil-passat u l-grajjiet li ghaddiet minnhom. Charles Coleiro mexxa s-Serata. Il-programm inkluda zfin mill-grupp Dance 2000, taht il-koreografija ta' Celine Buhagiar

- It-Tieni Jum – Is-Sibt 5 ta' Mejju 2007 – Parata u Reanactment. Filghodu assistejna ghall-esebizzjoni ta' diversi talenti kif ukoll studenti mill-Iskola Primarja l-Isla taw il-fehma taghhom bil-hsiebijiet dwar Jum l-Isla.

  Fis-7.00pm saru zewg attivitajiet madwar it-toroq tal-Isla. Kien hemm parata mill-Iscouts ta' Bormla segwita minn reanactment imtellgha mill-Awtorita' Maltija tat-Turizmu.

- It-Tielet Jum – Il-Hadd 6 ta' Mejju 2007 – Treasure Hunt. Saret diskussjoni dwar ir-Regatta u l-Football fl-Isla fiz-zmien l-imghoddija. Inzammet Ghana spirtu pront u Lejla Maltija.

  Fis-2.00pm kullhadd kien mistieden jiehu sehem f'din l-avventura, tfal, zghazagh u genituri. Ir-rebbieha nghataw premju.

- Ir-Raba Jum – It-Tnejn 7 ta' Mejju 2007 – Sports Day u Serata Muzikali mill-Allievi

  Fil-11.00am saret Sports Day ghall-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Isla. Din inzammet fil-Misrah 4 ta' Settembru u l-genituri u l-familjari tal-istudenti kienu mistiedna jattendu biex jinkoragixxu l-istudenti.

  Fit-8.00pm ttellgha programm muzikali mill-Allievi tal-Kazin tal-Banda 'La Vincitrice', taht it-Tinda f'Misrah 4 ta' Settembru.

- Il-Hames Jum – It-Tlieta 8 ta' Mejju 2007 – Coffee Morning fis-Sede Azzjoni Kattolika. Quddiesa ta' radd il-hajr. Parata mill-iscouts. Inzammet Lejla Leterarja u sar tqassim ta' premijiet lill-partecipanti kollha.

## 8. Impenn Internazzjonali

### 8(1) <u>Qualicities/AVEC Network</u>

Dan il-Kunsill flimkien maz-zewgt Kunsilli l-ohra tal-Kottonera, kompla bl-impenn tieghu f'dan il-programm li ilu sejjer aktar minn sentejn u kien iffinanzjat 75% minn fond tal-EU.

Dan il-progett jiffoka biex iheggeg il-Kunsilli li huma parti minn dan il-progett biex iharsu il-patrimonju storiku fil-lokal u biex jigi maghruf u apprezzat aktar. Dan il-progett qed jghin ukoll biex dan il-patrimonju storiku jigi preservat ahjar ghall-gid u ghall-izvilupp ekonomiku tal-lokal.

Ghal dan il-ghan il-Kunsill hatar lis-Sur Joe Scerri biex jkun il-Koordinatur Ewlieni ghall-Kunsill f'dan il-progett. Infatti f'Ottubru l-Kunsill kien mistieden biex jattendi ghall-konferenza tal-Gheluq ta' dan il-progett li saret f'Budapest l-Ungerija. Ghal din il-konferenza attendew il-Kunsilliera Charmaine Gerada u l-Koordinatur ewlieni ta' dan il-progett Joe Scerri. Dawn hejjew rapport ta' sitwazzjoni ta' dan il-progett u liema rapport gie ipprezentat lill-Kunsill fejn gie diskuss fil-laqgha tal-Kunsill nru. 41.

### 8(2) <u>Zghazagh minn Cassino (Awissu 2007)</u>

Tnax il-student minn Cassino gew mistiedna jigu ghall-gimgha gewwa Malta biex jistudjaw il-lingwa Ingliza kif ukoll serviet bhala zjara kulturali u socjali ghal dawn iz-zghazagh fl'Isla u f'Malta.

Din iz-zjara giet sponsorjata minn dan il-Kunsill bhala parti mill-ftehim ta' skambju li hemm b'rizultat tal-Gemellagg li hemm bejn il-Belt tal-Isla u dik ta' Cassino fl-Italja.

Ta' min ifakkar li erbatax il-student Senglean, is-sena l-ohra kienu gew mistiedna biex imorru ghal ghaxart ijiem gewwa Cassino biex jistudjaw il-lingwa Taljana kif ukoll serviet bhala gita. Din kienet sponsorjata mill-Komunita' ta' Cassino.

Waqt iz-zjara taghhom dan il-grupp ta' zghazagh minn Cassino wara l-hin tal-kors ta' taghlim, qatta hafna hin bi zjarat gewwa l-Isla u zjarat Kulturali fil-Belt Valletta u attivitajiet socjali li l-Kunsill hejja apposta.

Huwa ppjanat li din is-sena 2008, grupp ta' zghazagh mil-lokal tal-Isla izuru Cassino fuq l-istess bazi tas-snin li ghaddew.

## 9. Infrastruttura

9(1) Minkejja li dan il-Kunsill kien fetah diskussjonijiet mal-Kumitat ghar-Rijabilitazzjoni dwar tisbih fil-Mina ta' Sant Anna u d-dahla tal-Isla ghall dak li huwa dawl u minkejja li l-pjani kienu approvati, dan ix-xoghol baqa ma sarx. Dan ix-xoghol kellu jsir fil-bidu ta' Settembru 2007 mill-Enemalta Corporation.

9(2) Minkejja li l-Kunsill kien ghamel diskussjonijiet dwar ir-restawr ta' taht il-Gardjola u Gnien il-Gardjola kif ukoll l-estimi ta' dan ix-xoghol, il-kuntratti baqghu ma hargux.

9(3) Il-Kunsill kompla bil-qlugh ta' toroq fi Triq San Guzepp, Triq il-Habs l-Antik kif ukoll it-tkomplija tal-ahhar parti ta' Triq iz-Zewg Mini. F'dan ix-xoghol saru servizzi godda tal-Mains tal-ilma, bankini godda, man holes u resurfacing fejn sar dan ix-xoghol. Bhall ma wiehed jista jifhem, waqt dawn ix-xoghlijiet inqalghu diversi problemi li ma kienux previsti u li kkawzaw aktar spejjez li kellhom jigu ffinanzjati mill-Kunsill.

9(4) Dan ix-xoghol ta' infrastruttura gab fi tmiem il-hidma tal-Kunsill fir-resurfacing ta' toroq li kellha ssir taht il-ftehim li l-Kunsill kien ghamel mal-ADT. Taht dan il-ftehim, il-Kunsill kien dahal biex jaqla dawn it-toroq – Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Kurcifiss, Triq San Pietru u San Pawl, Dawret ix-Xatt, Triq il-Habs l-Antik, Triq San Guzepp, Triq San Frangisk, Triq Sant Anglu, Triq id-Duluri u l-parti l-kbira ta' Triq iz-Zewg Mini.

Ghal dan ix-xoghol il-Kunsill kellu jircievi minn ghand il-Gvern Centrali s-somma ta' Lm 52,000 permezz tal-ftehim li sar mal-ADT. Biex wettaq dan ix-xoghol il-Kunsill hareg mill-Budget tieghu madwar Lm 20,000 ohra. Il-Kunsill ghadu qed jistenna li jithallas mill-ADT l-ahhar Lm 7,000 li ghadhom ma thallsux taht dan il-ftehim.

9(5) Il-Kunsill kien talab kemm il-darba lill-Gvern Centrali biex isiru diskussjonijiet dwar:

Xoghol gdid fi Triq Kappillan Frangisk Azzopardi
Imhazen ta' biswit il-Macina
Installazzjoni gdida ta' Dawl fil-mina hdejn in-Nicca ta' Sant Anna

Minkejja diversi korrispondenza li bdiet min April 2006 bejn iz-zewg partijiet, dawn il-laqghat qatt ma saru.

## 10. Ambjent

10(1) Bhas-sentejn li ghaddew il-Kunsill kompla jahdem u jishaq fuq aktar ambjent nadif u ta' sahha ghall-gid ta' residenti fil-lokal.

Wiehed mill-aktar servizzi li qed jqum lill-Kunsill fondi kbar huwa dak ta' gbir ta' skart goff. Infatti minn sena ghall-ohra il-voti li hemm allokati fil-Budget mhux qed iservi biex il-kunsill ilahhaq mal-htiega li hemm.

Minkejja li dan il-Kunsill ghamel hiltu kollha biex il-lokalita tal-Isla tinzamm aktar nadifa ghall-gid tar-residenti billi ma qaghdx lura mill-infieq fejn kien hemm il-bzonn, dan il-Kunsill minn dejjem kien tal-fehma li investiment fl-ambjent tal-lokal u edukazzjoni tar-residenti huma prijoritajiet fil-hidma tal-Kunsill.

Minn naha l-ohra dan il-Kunsill stenna aktar koperazzjoni mir-residenti tal-lokal.

10(2) Ta' min isemmi dawn il-xoghlijiet li saru:

Il-Kunsill hadem u kompla jiehu l-inizjattiva biex jghin lid-Dipartiment tal-Ambjent fl-Edukazzjoni ta' Separazzjoni tal-Iskart Domestiku u billi dahhal il-Bring in Sites f'erbgha skips biex jitpoggew f'erbgha zoni differenti madwar l-Isla.

Sar Upgrading ta' Gnien il-Gardjola u sistema ta' Dawl gdid b'three phase u lampi godda, Manutenzzjoni ta' Road Markings, Manutenzjoni ta' Railings u ta' bankijiet fix-Xatt tal-Isla, patching ta' diversi toroq.

## 11. Ground tal-Football/Synthetic Football Pitch

F'Gunju 2007 jinharreg il-permess mill-MEPA u jibdew il-preparamenti biex naraw min hu nteressat li jaghmel il-Ground u kif ser jitmexxa. F'Lulju 2007 jinzammu laqgha ma' l-amministrazzjoni tas-Senglea Nursery dwar diversi proposti biex jiehu responsabilita' mill-ground pero' dan il-progett ikun iffinanzjat mill-Kunsill. Issir sejha ghal dawk li huma nteressati biex iwettqu x-xoghol u jkunu parti mill-progett (expression of interest). Jitwaqqaf bord biex jistharreg l-offerti u l-bord jirrakomanda l-ghazla tieghu u jibdew negozjati kif se jithallas il-progett. F'Dicembru 2007 il-Kunsill jikteb lid-Direttur ghad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex nigu awtorizatti sabiex dan il-kunsill ikun jista jintrabat mal-kuntrattur ghal skema ta' pagamenti fit-tul. Senglea Nursery jinfurmaw lill-Kunsill li l-Gvern Centrali ma kienx lest li jghin fil-progett 'Livell ta' l-art tal-Ground tal-Football', kif propost mill-Kunsill. Il-Gvern kien lest li jwettaq dan il-progett la darba l-Kunsill icedi l-art u jaghtiha lura lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kunsill kien lest jiddiskutu dan basta jkollna kollox bil-miktub min-naha tal-Gvern. F'Jannar 2008 nircievu risposta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn dawn ma jsibu l-ebda oggezzjoni biex il-Kunsill jipprocedi kif spejgat fl-ittra mibghuta f'Dicembru 2007. Saru diskussjonijiet mas-Senglea Nursery dwar it-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-ground il-gdid tal-Ponta. B'mod ufficjali nistaw nghidu li diga hemm qbil bejn iz-zewg nahat dwar din it-tmexxija. Il-Kunsill issa ghandu kollox kif titlob il-ligi u ser iwettaq dan il-progett wara l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 12. Qrib ir-Residenti

Il-Kunsill minn dejjem ta' widen lir-residenti tal-lokal billi jisma l-ilmenti taghhom, jiddiskutihom fil-laqghat tal-Kunsill, li fil-maggoranza taghhom jigu milquha u moghtija l-attenzjoni necessarja. Hafna minnhom ttiehdet azzjoni dak il-hin stess skond l-importanza tal-ilment.

## 13. Imhazen hdejn il-Macina

Dan il-Kunsill kompla l-impenn tieghu ghall-ahhar erbgha snin biex dawn l-imhazen jigu rihabilitati u li dan il-Kunsill kien lest li jidhol ghall dan jekk jigu devoluti lilu.

13(1) Infatti dan il-Kunsill kien hejja l-costings u rapport fejn il-Kunsill kien bi hsiebu jiriabilita dawn l-imhazen jekk jigu devoluti lilu. Dawn kienu Day Centre, Gym, Youth Nursery u Boat House.

13(2) Minkejja l-isforzi tal-Kunsill biex jinghata widen ghat-talbiet tieghu l-Gvern Centrali baqa sieket tant li dawn l-imhazen hargu sejha ghall-offerti.

13(3) Il-Kunsill biex ikompli l-impenn tieghu li jiehu dawn l-imhazen, tefa l-offerta tieghu.

13(4) Haga tal-iskantament, ghalkemm il-Gvern Centrali hareg il-lista tal-offerti, dawn l-imhazen baqghu ma nghatawx.

## 14. Konkluzjoni

Bhal ma ghedna fil-bidu din hija t-tielet u l-ahhar sena ta' din il-legislatura tal-Hames Kunsill. Dan ifisser li l-hidma ta' dan il-Kunsill sejra tintemm.

Minkejja l-hafna problemi u restrizzjonijiet finanzjarji w amministrattivi, dan il-Kunsill hu tal-fehma li uza r-rizorsi tieghu bl-ahjar mod u bl-aktar skruplu biex iwettaq hidma effettiva u efficjenti.

Dan il-Kunsill jemmen li f'dawn it-tlett snin il-hidma tieghu gabet aktar bidla fil-kwalita' tal-hajja tac-cittadini Sengleani. Ghalkemm xtaq li jwettaq aktar minn dak li kien imwieghed, dan ma setghax jaghmlu ghax il-mezzi ghad-dispozizzjoni huma dawk li huma.

Dan il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex il-hidma tal-Kunsill kienet success u ta' gid ghar-residenti u cittadini Sengleani.

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Deputat Segretarju Ezekuttiv |